# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 138/2013**

Il-Pulizija

(Supt. Sharon Tanti)

vs

**Tristan Falzon**

iben Carmelo, imwieled Pieta', fit-23 ta' Lulju, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 402382(M)

Illum, 26 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Tristan Falzon quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-21 ta'Awwissu, 2006 u fil-granet ta' qabel, fil-Marsa u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u lil gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'eghmil zieni ikkorrompa lil CM ta' sittax-il sena liema delitt sar b'theddid jew b'qerq;

2. Biex jissodisfa z-zina ta’ haddiehor, hajjar ghall-prostituzzjoni lil CM, persuna ta’ taht l-eta' jew eccita l-korruzzjoni taghha, jew ghin jew iffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, u dan bhala drawwa jew bi hsieb ta’ qliegh;

3. Ghex ghal kollox jew f’parti fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta’ CM, meta din ghada m’ghalqitx l-eta ta’ 18-il sena;

4. Talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil CM biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta’ Marzu, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tat-23 ta’ Frar, 2007 u senjatament l-artikoli 18 u 204(1) kif ukoll is-subinciz (d) tal-proviso tal-istess artikolu 204(1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu tlett (3) snin prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti ordnat d-divjiet tal-publikazzjoni ta’ isem il-vittma CM fi kwalunkwe mezz ta komunikazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Tristan Falzon tas-26 ta’ Marzu, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni u tirrevokaha fejn l-appellant gie misjub hati tat-tieni imputazzjoni u tirrevokaha wkoll fejn ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tlett snin effettivi u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorendo ikun il-kaz, subordinatament tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi hija il-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setghatx ragonevolment issib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti.

Fil-Mertu

Illi jibda biex jinghad illi hawnhekk l-Ewwel Qorti kienet rinfaccata bi provi konfliggenti ghall-ahhar, liema konfliggenza ma kienitx biss bejn il-verzjonijiet tal-appellant u l-allegata vittma izda sahanistra bejn il-verzjonijiet li tat il-vittma stess, kemm lill-Pulizija kif ukoll lill-Ewwel Qorti fix-xhieda guramentata taghha.

Illi l-Ispettur illum Supretendent Sharon Tanti fix-xhieda taghha a fol 11-15 tal-process tghid illi l-ewwel verzjoni li tat il-vittma meta kienet qed tigi interrogatha kienet li l-appellant kien il-boyfriend taghha u sahanistra cahdet li l-appellant kien involut f'xi cirku ta' prostituzzjoni.

Illi wara li nzammet arrestata, l-allegata vittma biddlet il-verzjoni kompletament u fost affarijiet ohra qalet illi:

(i) L-Appellant kien nizzilha l-Marsa biex tmur mal-irgiel ghall-flus (a fol 50);
(ii) Kienet ilha taf lill-appellant xi sentejn ghax kienu gharajjes (a fol 51);
(iii) Ghaddew sentejn u reghgu ltaqghu u qalilha biex tibda tmur titqahhab inkella iqaxxrilha xagharha jew jaqbad itiha (a fol 51);
(iv) Lil certu wahda Muriel, l-appellant kien qaxxrilha xaghrha (a fol 52);
(v) L-Appellant qatt ma kien vjolenti maghha (a fol 54);
(vi) Biddlet hafna abitazzjonijiet. Infatti l-ewwel kienet toqghod m'ommha, imbaghad meta din telqet l-Ingilterra, Charlotte marret toqghod ma' l-gharus li kellha dak iz-zmien certu wiehed Charles, imbaghad marret l-Appogg, imbaghad il-YMCA, wara ghamlet lejl ghand zija taghha, imbaghad marret Casa Spinelli u minn hemmhekk ma tiftakarx izjed (a fol 74);

(vii) Sa ma kellha sittax-il (16) sena hi baqghet toqghod Dar Spinelli izda imbaghad marret toqghod il-Gzira ma' l-Indjan' certu wiehed Dylan Grech li kienet ilha tafu mindu kellha xi ghaxar (10) snin (a fol 81);

Illi diversi xhieda, fosthom Miguel Falzon u Georgina Falzon, jikkonfermaw illi fil-fatt l-appellant u l-allegata vittma kellhom relazzjoni amoruza u damu flimkien xi xahrejn jew tlett xhur.

Illi l-appellant xehed ukoll f'dawn il-proceduri fejn ta verzjoni dettaljata tal-fatti tal-kaz, liema verzjoni kienet konsistenti ma' dak kollu li qal tul il-process kollu sa mill-investigazzjoni.

Illi kif tghid l-Ewwel Qorti stess fis-sentenza taghha, sabiex tinstab htija l-imputazzjonijiet iridu jigu pruvati sal-grad ta' oltre kull dubbju dettat mir-raguni. Illi l-Ewwel Qorti tkompli tghid li f'kaz ta' konflitt ta' provi jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk tkun moralment konvinta li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, timxi fuq dik il-verzjoni li taccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura tiddikjara tali htija u tghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor.

Illi bir-rispett kollu dovut, l-appellant jissottometti illi l-kaz tal-prosekuzzjoni ma giex sodisfacentemt ippruvat u dan ghal raguni li l-kaz huwa mibni kompletament fuq ix-xhieda li tat l-allegata vittma. Din il-persuna biddlet radikalment il-verzjoni tal-fatti fi spazju ta' ftit hin u kompliet tlahham l-istorja b'dettalji li huma nkredibbli u li jitfghu dell ikrah fuq il-kredibilita' taghha bhala xhud.

Illi l-istess verzjoni li tat l-allegata vittma turi kemm fil-fatt l-imsemmija vittma kellha passat turbulenti u fl-istess xhieda jissemmew nies li mhux biss ma nstabux izda probabbli lanqas biss jezistu.

Illi bir-rispett kollu dovut, dak li qed tghid l-allegata vittma li hija giet imgieghlha tipprostitwixxi ruhha ghax bezghet illi l-appellant kien ser iqaxxrilha xaghrha m'ghandux mis-sewwa.

Illi mill-banda l-ohra, il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-appellant, giet ikkonfermata minn diversi xhiedha u ghandha mis-sewwa ferm aktar mill-verzjoni li tat l-allegata vittma.

Illi l-appellant jemmen li mill-assjem tal-provi certament hemm dubbju ragionevoli li ghandu jimmilita favur tieghu u li ghalhekk kien jipprekludi l-Ewwel Qorti milli ssib htija fil-konfront tieghu.

Aggravji dwar il-piena.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.

Illi l-Ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena, tghid illi kkunsidrat il-gravita' tar-reat li tieghu qed jinstab hati u ikkunsidrat ukoll li fil-mori tal-kawza huwa beda' l-process sabiex jaqbad it-triq it-tajba u jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga izda l-Ewwel Qorti kkunsidrat ukoll il-konsegwenzi serji tal-agir tal-imputat fuq il-vittma u l-fatt li huwa abbuza mis-sitwazzjoni li kienet fiha din il-minorenni li kienet bla familja u ma kellha lil hadd jiehu hsiebha u uzaha sabiex jipprova jaqla' l-flus billi jqabbadha fit-triq tal-prostituzzjoni. Fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti dehrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda din ser tkun aktar vicin il-minimum imponibbli.

Illi l-appellant jissottometti illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-fatt illi huwa qieghed fi stadju avanzat ta' riforma, piena karcerarja effettiva ma tista' qatt twassal ghall-effetti riformattivi mixtieqa meta jigu mposti tali pieni karcerarji.

Illi l-appellant ghadda minn zminijiet difficli hafna f'hajjtu, partikolarment minhabba d-dipendenza serja li kellu fuq id-droga, izda llum il-gurnata rnexxielu jaqbad it-triq it-tajba u jirriforma ruhu, u dan kif gie kkonfermat mill-Ufficjali tal-Probation li ilhom jissorveljawh ghal diversi snin.

Illi ghal dan il-ghan, l-appellant ser jipprezenta wkoll rikors sabiex isir social enquiry report illi jista' jaghti dawl ahjar fuq l-istorja tal-appellant u kif minn hajja difficli hafna, illum jinsab fi stat hafna ahjar milli kien ftit snin ilu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravji li ressaq l-appellant kienu tali li din il-Qorti fliet mill-gdid l-atti kollha. F'dan l-appell, il-problema hu wiehed semplici. Hu wiehed ta' kredibilita'. L-appellant isostni li l-vittma mhiex kredibbli fil-waqt il-prosekuzjoni ssostni li l-vittma hi kredibbli. Jekk wiehed jara l-antecedenti tal-appellant wiehed jiskopri li l-appellant f'dak iz-zmien kien mahkum mill-vizzju tad-droga. Il-versjoni li hu ta lill-pulizija 'a tempo vergine' hi wahda li mhiex veritjera kif jirrizulta fil-kors tal-iter ta' dan l-appell. Min-naha l-ohra l-vesjoni tal-vittma hi wahda li gal bidu ma kinitx taghmel sens izda wara hu car li xehdet il-verita'.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti u kwalunkwe kumment iehor hu zejjed.

Illi dawr il-piena din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt tad-dewmien kif ukoll tal-fatt li l-appellant bil-mod il-mod irnexxielu johrog mill-vizzju li hakmu ghal hafna snin.

Ghaldaqstant, ghal dan ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Tristan Falzon fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, tilqa l-appell tal-appellant. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok il-piena ta' tlett snin prigunerija tikkunddannah ghal piena ta' sentejn prigunerija.